# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tmintax (18) ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru 750/2015 FDP**

Fl-ismijiet

**Emanuel Fenech (ID 383357M)**

**Vs**

**Emanuel Calleja (ID 889045M) flimkien ma' martu Mary Calleja (ID 80154M) għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 5 ta' Awissu 2015, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

    1. *Illi 1-esponent huwa raħħal.*

    2. *Illi l-esponent huwa proprjetarju ta' beni inkorporali konsistenti fi Kwantita ta' Riferenza tal-Ħalib (komunement imsejħa 'kwota tal-ħalib').*

    3. *Illi l-esponent kien ittrasferixxa dawn il-beni inkorporali fuq deskritti lil diversi raħħala tal-baqar fosthom lill-intimat Emanuel Calleja illi lilu kien ittrasferielu kwantita' ta' riferenza ta' 64.3 gallun ta' ħalib [ekwivalenti għal 100 gallun tal-Koperattiva tal-Produtturi tal-Ħalib, KPH) u dan bil-ftehim illi :*

a. *l-intimat iħallas lir-rikorrent konsiderazzjoni għal tali kwantita' ta' riferenza ta' ħalib bir-rata ta' €0.349 [ekwivalenti għal 15c meta konna għadna nużaw il-valuta tal-lira Maltija] kuljum għal kull gallun ħalib KPH; u*

b. *meta jiġi hekk mitlub mir-rikorrent l-intimat jerġa' jittrasferixxi l-kwantita' ta' riferenza tal-ħalib (kollha jew parti minnha, skond kif jiddeċiedi r-rikorrent) fuq isem ir-rikorrent jew fuq isem xi persuna oħra illi tiġi hekk indikata mill-istess rikorrent.*

4. *Illi dan it-tip t'arranġament deskritt fil-paragrafu preċedenti huwa wieħed komunement użat u addottat mir-raħħala tal-baqar u produtturi tal-ħalib u di fatti l-istess rikorrent għandu/kellu dan l-istess arranġament ma' raħħala oħra fosthom John Spagnol, Luciano Casha u Kristinu Azzopardi.*

5. *Illi, in oltre, dan it-tip t'arranġament u ftehim milħuq bejn ir-rikorrent u l-intimat, apparti li, kif ingħad, huwa wieħed komunement użat mir-raħħala tal-baqar u l-produtturi tal-ħalib, huwa wieħed rikonoxxut u magħruf mill-istakeholders u awtoritajiet konċernati mill-industrija tal-ħalib.*

6. *Illi ftit taż-żmien ilu r-rikorrent kien ta struzzjonijiet lill-intimat sabiex parti mill-kwantita' ta' riferenza tal-ħalib li huwa kien ittrasferielu (u ċioe' 100 gallun ħalib KPH) tiġi trasferita lil Charles Galea u Carmelo Galea.*

7. *Illi di fatti, fuq l-istruzzjonijiet tar-rikorrent u skond il-ftehim viġenti bejniethom, l-intimat kien ittrasferixxa kwantita' ta' riferenza ta' 12.8 gallun ħalib lil ċertu Carmel Galea u kwantita' ta' riferenza ta' 12.8 gallun ħalib lil Charles Galea, għal total ta' kwantita' ta' riferenza ta' 25.6 gallun ħalib (ekwivalenti għal 40 gallun ħalib KPH).*

8. *Illi b'hekk, in segwitu għal dan it-trasferiment tal-kwantita' ta' riferenza tal-ħalib li sar minn fuq isem l-intimat għal fuq isem il-fuq imsemmija Charles Galea u Carmel Galea fuq struzzjonijiet tar-rikorrent u skond il-ftehim viġenti bejn ir-rikorrent u l-intimat, l-intimat baqa' jżomm f'ismu kwantita' ta' riferenza ta' 38.7 gallun ħalib (u ċioe' 60 gallun KPH).*

9. *Illi dan kollu huwa konfermat f'email ta' Patrick Vella (funzjonarju tal-Malta Dairy Products Limited - MDP) mibgħuta lil Dr. Cachia mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa bħala Dok. 'A'.*

10. *Illi sadanittant l-intimat kien baqa' jħallas lir-rikorrent il-konsiderazzjoni pattwita kif imfisser f'paragrafu 3 ta' dan ir-Rikors Ġuramentat u dan kif jista' jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

11. *Illi sussegwentement l-intimat kien waqa' lura fil-ħlas tal-pagamenti minnu dovuti lir-rikorrent u għalhekk ir-rikorrent, permezz ta' ittra legali datata 5 ta' Diċembru, 2013 (kopja hawn annessa bħala Dok. 'B'), filwaqt illi interpella lill-intimat sabiex iħallsu l-pagamenti li kienu dovuti interpellah ukoll sabiex jaddivjeni għat-trasferiment tal-kwantita' ta' riferenza tal-ħalib li kien għad fadal fuq ismu (kif imfisser fil-paragrafu 8 ta' dan ir-Rikors Ġuramentat) a favur ta' Cleaven Fenech, iben ir-rikorrent.*

12. *Illi minkejja dan l-intimat kien baqa' inadempjenti.*

13. *Illi r-rikorrent reġa' interpella lill-intimat permezz ta' ittra legali oħra riċenti (kopja hawn annessa bħala Dok. 'C') sabiex iħallsu l-pagamenti dovuti u sabiex jersaq ħalli jitrasferixxi l-kwantita' ta' riferenza tal-ħalib skond il-ftehim viġenti bejniethom iżda l-intimat mhux talli baqa' inadempjenti talli, permezz ta' ittra uffiċjali datata 27 ta' Mejju, 2015 (kopja hawn annessa bħala Dok. 'D') tenna illi ma kienx minnu illi huwa kien krielu l-kwota tal-ħalib iżda li l-ftehim kien parti kiri (u, skond l-intimat, il-parti mikrija ġiet ritornata bit-trasferiment li sar a favur ta' Charles Galea) u parti xiri u tenna — meta huwa jaf ben tajjeb li dan assolutament mhuwiex minnu u kif se jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża - illi dik il-parti mill-kwantita' ta' riferenza tal-ħalib (60 gallun KPH) li huwa kien għad għandu fuq ismu kien xtraha mingħand ir-rikorrent u għalhekk ma kellu ebda kwantita' ta' riżerva tal-ħalib x'jirritorna lir-rikorrent.*

14. *Illi dak imtenni mill-intimat fl-ittra uffiċjali tiegħu tas-27 ta' Mejju, 2015 (Dok, 'D') assolutament mhuwiex minnu tant illi l-intimat innifsu rrikonoxxa bil-miktub illi r-rimanenti kwantita' ta' riferenza ta' 60 gallun ħalib KPH ukoll jappartjenu lir-rikorrent tant li kien obbliga ruħu li jdawwarhom fuq isem Charles Galea (għaliex dawk kienu l-istruzzjonijiet tar-rikorrent dak iż-żmien) u dan skond dikjarazzjoni tal-istess intimat li qed tiġi hawn annessa bħala Dok. 'E'.*

15. *Illi għalhekk ir-rikorrent ma kellu ebda xelta oħra għajr illi jipproċedi b'din il-kawża.*

16. *Illi l-esponent jaf personalment bil-fatti kollha hawn dikjarati.*

*Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti —*

(i) *prevja kwalsijasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara li, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, l-intimati huma obbligati li jittrasferixxu l-kwantita' ta' riferenza ta' 38.7 gallun ħalib (u ċioe' 60 gallun KPH) li l-intimat Emanuel Calleja għandu miktuba fuq ismu mad-Direttorat tal-Agrikoltura [parti mill-kwantita' ta' riferenza tal-ħalib li kienet ġiet trasferita fuq ismu mir-rikorrent] lill-istess rikorrent;*

(ii) *tordna u tikkundanna lill-intimati sabiex jersqu u jaddivjenu ħalli jiffirmaw dawk id-dokumenti kollha meħtieġa u neċessarji sabiex l-imsemmija kwantita' ta' riferenza ta' 38.7 gallun ħalib (u ċioe' 60 gallun KPH) li għandu miktuba fuq ismu l-intimat Emanuel Calleja mad-Direttorat tal-Agrikoltura tiġi trasferita fuq isem ir-rikorrent;*

(iii) *tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi u tiffissa l-lok, data u ħin meta u fejn għandhom jiġu ffirmati dawk id-dokumenti meħtieġa u neċessarji sabiex isir tali trasferiment tal-kwantita' ta' riferenza tal-ħalib minn fuq isem l-intimat Emanuel Calleja għal fuq isem ir-rikorrent;*

(iv) *prevja kwalsijasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-intimat Emanuel Calleja huwa moruż fil-ħlasijiet ossija konsiderazzjoni minnu dovuta lir-rikorrent għall-kwantita' ta' riferenza tal-ħalib bir-rata pattwita bejn il-partijiet ta' €0.349 kuljum għal kull gallun ħalib KPH;*

(v) *tillikwida l-ammont dovut mill-intimat Emanuel Calleja lir-rikorrent għar-raġuni fuq imfissra; u*

(vi) *tikkundanna lill-intimat Emanuel Calleja biex iħallas lir-rikorrent l-ammont dovut kif likwidat.*

*Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fid-9 ta' Ottubru 2015, l-intimat laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Fl-ewwel lok it-talbiet, inklużi dawk ancillari, għall-ewwel talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li ma hemmx raġuni għala l-konvenuti jittrasferixxu lura fuq isem l-attur il-parti tal-kwota msemmija fir-rikors ġuramentat, stante li din ġiet trasferita lilhom u għalhekk it-titlu tal-proprjeta' tal-istess parti-kwota hija tagħhom, u dan skont trasferiment magħmul regolarment skont il-proċeduri viġenti f'dak iż-żmien.*

*2. Fit-tieni lok, l-attur żamm fuqu reġistrazzjoni mhux tat-titlu imma tal-entitlement tas-sussidju li huwa obbligat jgħaddi lill-konvenuti, peress li dan kien tagħhom skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea li toħroġ is-sussidji, u qed issir riserva minn issa li jitolbu huma dan il-ħlas mgħoddi lill-attur indebitament.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

## Provi

3. Rat illi fid-29 ta' Ottubru 2015 il-kawża ġiet differita għall-provi.

4. Rat l-affidavit ta' **Emanuel Fenech**, ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2016. (fol 27)

5. Rat l-affidavit ta' **Patrick Vella**, Accounts Officer fi ħdan il-Malta Dairy Products, ippresżntat mir-rikorrenti fit-3 ta' Diċembru 2016. (fol 47)

6. Rat l-affidavit ta' **Charles Galea**, raħħal tal-baqar, ippreżentat mir-rikorrent fis-17 ta' Frar 2017. (fol 51)

7. Rat l-affidavit ta' **Luciano Casha**, raħħal tal-baqar, ippreżentat mir-rikorrent fis-17 ta' Frar 2017. (fol 52)

8. Rat ix-xhieda ta' **Emanuel Schembri**, Kontrollur Finanzjarju tal-Ko-operattiva tal-Produtturi tal-Ħalib, prodott mir-rikorrent u mogħtija fl-4 ta' Mejju 2016. (fol 56)

9. Rat ix-xhieda ta' **Frank Ivan Caruana Catania**, Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Agrikoltura, prodott mir-rikorrent u mogħtija fl-4 ta' Mejju 2016. (fol 58)

10. Rat ix-xhieda ta' **Martin Grech**, Chief Operations Officer and Finance fi ħdan il-Malta Dairy Products Limited, prodott mir-rikorrent u mogħtija fl-4 ta' Mejju 2016. (fol 60)

11. Rat l-affidavit ta' **Frank Fenech**, raħħal tal-baqar, ippreżentat mir-rikorrenti fit-13 ta' Ġunju 2016. (fol 71)

12. Rat l-affidavit addizzjonali ta' Emanuel Fenech ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2016. (fol 72)

13. Rat illi fis-27 ta' Ottubru 2016 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi.

14. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Emanuel Fenech prodott mill-intimat u mogħtija fis-6 ta' Diċembru 2016. (fol 85)

15. Rat l-affidavit ta' **Emanuel Calleja**, ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2017. (fol 89)

16. Rat l-affidavit ta’ **Mary Calleja**, mart l-intimat, ippreżentat fit-2 ta’ Marzu 2017. (fol 90)

17. Rat l-affidavit ta’ **Jason Calleja**, iben l-intimat, ippreżentat fit-2 ta’ Marzu 2017. (fol 91)

18. Rat ix-xhieda in kontro eżami ulterjuri ta’ Emanuel Fenech illi saret fit-13 ta’ Ġunju 2017. (fol 99)

19. Rat ix-xhieda in kontro eżami ulterjuri ta’ Emanuel Fenech illi saret fis-26 ta’ Ottubru 2017. (fol 102)

20. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Patrick Vella illi sar fid-29 ta’ Novembru 2017 (fol 107).

21. Rat ix-xhieda in kontro eżami ulterjuri ta’ Patrick Vella illi saret fit-13 ta’ Frar 2018. (fol 110)

22. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Emanuel Calleja, mogħtija fis-16 ta’ Mejju 2018. (fol 132)

23. Rat illi dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-atti fl-1 ta’ Lulju 2019, fejn ordnat it-tkomplija tal-provi.

24. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ulterjuri ta’ Emanuel Calleja, mogħtija fil-5 ta’ Novembru 2019. (fol 142)

25. Rat illi bejn id-29 ta’ Jannar 2020 u l-21 ta’ April 2021 saru sebgħa seduti fejn ma seta’ jsir xejn minħabba raġunijiet relatati mal-pandemija Covid-19.

26. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta’ Mary Calleja, mogħtija fit-22 ta’ Ġunju 2021. (fol 185)

27. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta’ Jason Calleja, mogħtija fit-22 ta’ Ġunju 2021. (fol 198)

28. Rat illi fit-22 ta’ Ġunju 2021 il-partijiet qablu illi ma kienx hemm provi oħra w il-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

29. Rat illi l-konsulent legali ta’ l-intimat ippreżenta sottomissjonijiet bil-miktub fl-10 ta’ Novembru 2021.

30. Semgħet it-trattazzjoni finali ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-18 ta’ Novembru 2021, wara liema trattazzjoni l-kawża ġiet differita għas-sentenza għallum.

## Ikkunsidrat

31. Jirriżulta, mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, illi ż-żewġ partijiet huma raħħala tal-baqar.

32. Jirriżulta illi r-rikorrent, bħala raħħal tal-baqar, kellu kwota personali ta' ħalib illi huwa seta' jgħaddi jipproduċi, liema kwota kienet ekwivalenti għal 198.6 gallun ħalib.

33. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent, bħala membru tal-Ko-Operattiva tal-Produtturi tal-Ħalib, kellu wkoll dritt għal kwota addizzjonali li kienet tingħata mill-Ko-Operattiva stess, u li kienet tammonta għal ħamsa u ħamsin fil-mija (55%) tal-kwota personali.

34. Jirriżulta illi r-rikorrent kien membru tal-Ko-Operattiva tal-Produtturi tal-Ħalib bejn l-1 ta' Marzu 1987 sal-1 ta' Lulju 2011, kif ikkonferma fix-xhieda tiegħu Emanuel Schembri, Kontrollur Finanzjarju ta' l-istess Ko-Operattiva, fejn mal-Ko-Operattiva kellu reġistrat li seta' jipproduċi disgħa mija u tletin punt ħames kilo (930.5) ħalib kuljum. (fol 56)

35. Jirriżulta, di fatti, illi kif xehed Frank Ivan Caruana Catiana, Assistent Direttur fi ħdan id-Dipartiment tal-Agrikultura, (fol 58), qabel ma' Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea, kull raħħal kellu kwota dipartimentali ta' ħalib li seta' jipproduċi kuljum, liema kwota kienet assikurata lir-raħħal, irrispettivament minn jekk kinetx qiegħda tintuża jew le.

36. Jirriżulta li, mad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, bl-applikazzjoni tar-Regolament 1234/2007, kull raħħal ingħata kwota li kienet tirrifletti dik illi huwa kellu preċedentement, b'dan illi, a differenza ta' dak li kien jiġri qabel, tali kwota ma kinetx assikurata u kellha tintuża mir-raħħal, bir-riżultat illi jekk raħħal ma jużax il-kwota lilu assenjata, huwa kien jitlef tali kwota. F'Malta, l-effetti ta' tali Regolament kienu ser jibdew japplikaw mill-1 ta' Lulju 2011.

37. Jirriżulta illi, għalhekk, ir-rikorrent, bħal raħħala oħra illi ma kinux qed jużaw il-kwota tagħhom ta' ħalib dak iż-żmien, bi ftehim mad-Dipartiment tal-Agrikoltura li kienu avviċinaw lill-varji raħħala sabiex iħajjruhom jibdew jagħmlu użu tal-kwota tagħhom, għax inkella tintilef, kien ipproċeda biex għadda partijiet tal-kwota tiegħu b'kera lil raħħala oħra.

38. Jirriżulta, di fatti, skond ix-xhieda ta' Emanuel Schembri u Patrick Vella, illi huwa l-Accounts Officer fi ħdan il-Malta Dairy Products Limited, ir-rikorrent għadda is-segwenti:

    a. Mija, disgħa u ħamsin punt ħames kilo (159.5 Kg) ekwivalenti għal erbgħa u tletin gallun (34) ta' ħalib lil Gianni Spagnol;
    b. mija u tmenin punt ħames kilo (180.5 kg) ekwivalenti għal tmienja u tletin punt ħames galluni (38.5) lil Luciano Casha;

c. mitejn, disgħa u tmenin punt ħames kilo (289.5kg) ekwivalenti għal wieħed u sittin punt tmienja galluni (61.8) lil Kristino Azzopardi and Sons Limited;
d. Tlett mija u wieħed kilo (301 Kg) ekwivalenti għal erbgħa u sittin punt tlieta galluni (64.3) lill-intimat Emanuel Calleja.

39. Jirriżulta illi għal dan il-għan, ġie iffirmat dokument maħruġ mir-Direttorat ta' l-Agrikoltura, Sezzjoni tat-trobbija tal-Annimali, intitolat 'Applikazzjoni għal trasferiment permanenti ta' Kwantita' ta' Referenza tal-Ħalib 2011-2012' li ġew ippreżentati fil-proċedimenti odjerni varji darbi, fosthom a fol 62 sa 65.

40. Jirriżulta illi sussegwentement, is-sehem ta' Gianni Spagnol ġie trasferit lil Charles Galea magħruf bħala 'ta' Selaħ' filwaqt illi s-sehem ta' Kristino Azzopardi & Sons Limited ġie trasferit lil Frankie Fenech magħruf bhala 'tal-fenek'.

41. Jirriżulta wkoll illi, b'effett mill-1 ta' Frar 2013, skond struzzjoni mogħtija mir-rikorrent bil-miktub li jidher a fol 30 tal-proċess, parti mill-kwota mgħoddija lill-intimat Emanuel Calleja, ossija erbgħin (40) gallun li jinkludi l-ħamsa u għoxrin punt sitt (25.6) glalen personali w l-erbgħatax punt erbgħa glalen (14.4) miżjuda mill-Ko-Operattiva kif fuq ġia spjegat, ġew trasferiti f'porzjonijiet indaqs lil Charles Galea magħruf bħala 'ta' Selaħ', u missieru Carmelo Galea (fol 120 u 121).

42. Jirriżulta, għalhekk, illi l-intimat Emanuel Calleja kien għad fadallu l-kwota ammontati għal sittin (60) gallun f'ismu, li jinkludu tmienja u tletin punt sebgħa (38.7) glalen tal-kwota personali tar-rikorrent u wieħed u għoxrin punt tlett glalen (21.3) mill-kwota pprovduta mill-Ko-Operattiva.

43. Jirriżulta, mix-xhieda tar-raħħala Charles Galea (fol 51), Luciano Casha (fol 52) Frank Fenech (fol 71) kif ukoll Patrick Vella, uffiċjal tal-Malta Dairy Products, il-ftehim milħuq bejn ir-raħħala w ir-rikorrent in konnessjoni ma' din il-kwota kienet waħda verbali u mhux bil-miktub u, fi kliem Frank Fenech stess "meta hu, jiġifieri Emanuel Fenech, ikun irid jieħu lura l-kwota illi krieli għal fuq ismi, jiena obbligat li niffirma biex terġa' ddur fuq ismu".

44. Jirriżulta wkoll, mix-xhieda ta' dawn it-tlett raħħala, illi l-kwota ħaduha mingħand ir-rikorrenti b'kera u mhux b'xiri.

## Ikkunsidrat

45. Jirriżulta illi l-intimati Emanuel Calleja u martu Mary Calleja, kif ukoll it-tifel tagħhom Jason Calleja, lkoll ikkonfermaw illi l-ftehim mar-rikorrent kien wieħed ta' kiri.

46. Jirriżulta, iżda illi l-intimati konjuġi Calleja saħqu illi l-kirja, għalkemm f'isem Emanuel Calleja, kienet saret minn Jason Calleja u kienet għal Jason Calleja li, dak iż-żmien, kien għaddej minn proċeduri ta' separazzjoni u ma riedx illi l-kwota tidher fuq ismu, fatt ikkonfermat minn Jason Calleja wkoll.

47. Jirriżulta, madanakollu, illi l-intimati jikkontendu illi fi Frar 2013, meta huma kienu qalbu parti mill-kwota li kellhom għal fuq Carmelo Galea, kif rikjest mir-rikorrent u kif jidher reġistrat ukoll mad-Direttorat tal-Agrikoltura, vide fol 120 / 121, ir-rikorrent qalilhom li ried ibiegħ il-kumplament tas-sehem tiegħu u wasslu fi ftehim fejn kien ser iħallsuh elf u ħames mitt Euro (€1,500) għal kull gallun tal-kwota personali tar-rikorrent, ossija tmienja u tletin punt sebgħa (38.7) illi kienu għadhom reġistrati fuqhom.

48. L-intimati lkoll saħqu illi r-rikorrent ma ried li ssir ebda skrittura u ma jidher ebda pagament, u għalhekk, huma għaddewlu l-valur ta' ftit anqas minn 40 gallun ħalib bir-rata ta' elf u ħames mija kull gallun (€1,500), ossija sittin elf Euro (€60,000) fi flus kontanti, mingħajr ma ġiet ipprovduta ebda riċċvuta u ma saret ebda skrittura bejniethom.

49. Jirriżulta illi r-rikorrent, kemm fix-xhieda tiegħu, kif ukoll in kontro eżami fiż-żewġ darbiet illi ttella' sabiex jirrispondi għad-domandi in kontro eżami, ċaħad illi qatt kien hemm trasferiment tal-bilanċ tal-glalen ta' ħalib illi kienu tiegħu iżda f'isem l-intimat Calleja, u insista li meta kien ried idawwar il-kumplament tas-sehem li kien għand l-intimat għal fuq Charles Galea, kif kkonfermat minn Charles Galea stess fl-affidavit tiegħu (fol 51), l-intimati kienu qalu li riedu jżommu tali kwota għat-tifel tagħhom Jason, iżda xorta ma ħallsuh ebda kera dovuta.

## Ikkunsidrat

50. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti, illi fil-każ odjern qegħdin nitħaddtu dwar kwota ta' sittin (60) gallun, li jinkludu tmienja u tletin punt sebgħa (38.7) glalel tal-kwota personali tar-rikorrent u wieħed u għoxrin punt tlett glalen (21.3) mill-kwota pprovduta mill-Ko-Operattiva.

51. Jirriżulta illi, filwaqt li l-intimati jikkontendu illi oriġinalment dawna kienu lilhom mikrija mingħand ir-rikorrent, sussegwentement dawna inxtraw mingħand l-intimati għal valur ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) għal kull gallun personali tar-rikorrent, b'valur totali ta' madwar €60,000.

52. Jirriżulta illi, da parte tiegħu, r-rikorrent jiċħad li qatt irċieva €60,000 fi flus kontanti mingħand l-intimat u jiċħad illi qatt biegħ is-sehem tiegħu.

53. Il-Qorti, rinfa11jata b'żewġ verżjonijiet ta' fatti diametrikament opposti, tistqarr illi ma tistax ma tikkunsidrax il-verżjoni tal-fatti kif imressqa mill-intimati bħala kemmxejn inverosimili, jekk mhux platealment inveritjera totalment, peress illi ebda persuna ta' pozjent ta' intelliġenza bażika ma hija ser tħallas somma ta' sittin elf Euro fi flus kontanti **mingħajr ma tinsisti illi tingħatalha xi tip ta' riċevuta ta' tali ħlas**.

54. Il-Qorti tosserva wkoll illi, apparti minn hekk, l-intimati ma ressqu ebda indikazzjoni ta' kwalsiasi tip minn fejn setgħu ottjenew tali ammont ta' flus

konsiderevoli fi flus kontanti, liema flejjes ċertament, kieku verament fil-pussess ta' l-intimati, kien ikollhom xi tip ta'dokumentazzjoni li turi l-eżistenza tagħhom.

55. Fin-nuqqas ta' tali provi, il-Qorti tqis illi l-verżjoni tal-fatti kif esposti mill-intimati ma hijiex waħda kredibbli u l-verżjoni tal-fatti kif magħmula mir-rikorrent huma dawk illi ser ikollha tistrieħ fuqha.

## Ikkunsidrat

56. Jirriżulta illi, fost it-talbiet kif redatti mir-rikorrent fir-rikors promotur, huwa qiegħed ukoll jitlob il-ħlas tal-konsiderazzjoni dovuta mill-intimati għall-kwantita' ta' ħalib tar-rikorrent u mikrija u reġistrata f'isem l-intimat, u dana bir-rata ta' €0.349 kuljum għal kull gallun.

57. Jirriżulta, madanakollu, illi mid-dokumentazzjoni u provi prodotti mir-rikorrent, kull ma hemm indikat huwa l-produzzjoni u total dovut mill-intimat għax-xhur ta' bejn Jannar 2015 u Ottubru 2015, u ma ġiet prodotta ebda indikazzjoni ta' jekk sarx aktar prodott mgħoddi lill-Malta Dairy Products Limited wara Ottubru 2015 u għalhekk jekk ġietx utilizzata tali kwota mill-intimat.

58. Jirriżulta, għalhekk, illi fejn tidħol il-likwidazzjoni tal-kera dovuta mill-intimat lir-rikorrent, il-Qorti tista' tistrieħ biss fuq id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrent, liema dokumentazzjoni (fol 37 sa 46) turi illi bejn Jannar 2015 u Ottubru 2015, il-kera dovuta u mhux imġallsa kienet ammontanti għal sitt elef, tlett mija u sebgħa u tletin Euro u dsatax-il ċenteżmu (€6,373.19).

59. Għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi biex tqis dana l-ammont bħala dovut mill-intimat lir-rikorrent sa Ottubru 2015.

## Konklużjoni

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;

Wara illi semgħet ix-xhieda u semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi t-talba odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati.

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti, u għalhekk;

**Tiddikjara** li l-intimati Emanuel u Mary konjuġi Calleja huma obbligati li jittrasferixxu l-kwantita' ta' riferenza ta' 38.7 gallun ħalib (u ċioe' 60 gallun KPH) li l-intimat Emanuel

Calleja għandu miktuba fuq isem Emanuel Calleja mad-Direttorat tal-Agrikoltura lill-istess rikorrent;

**Tordna** lill-intimati Emanuel u Mary konjuġi Calleja sabiex, sa żmien tlett xhur millum, jersqu u jaddivjenu ħalli jiffirmaw dawk id-dokumenti kollha meħtieġa u neċessarji sabiex l-imsemmija kwantita' ta' riferenza ta' 38.7 gallun ħalib (u ċioe' 60 gallun KPH) li għandu miktuba fuq isem l-intimat Emanuel Calleja mad-Direttorat tal-Agrikoltura tiġi trasferita fuq isem ir-rikorrent Emanuel Fenech;

**Tinnomina** lil Dr Tanya Sammut bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi.

**Tiddikjara** illi l-intimati Emanuel u Mary konjuġi Calleja huma morużi fil-ħlasijiet fl-import totali ta' ossija konsiderazzjoni minnu dovuta lir-rikorrent għall-kwantita' ta' riferenza tal-ħalib bir-rata pattwita bejn il-partijiet ta' €0.349 kuljum għal kull gallun ħalib KPH;

**Tillikwida** l-ammont dovut mill-intimati Emanuel u Mary konjuġi Calleja lir-rikorrent Emanuel Fenech fl-ammont ta' sitt elef, tlett mija u sebgħa u tletin Euro u dsatax-il ċenteżmu (€6,373.19) għar-raġunijiet fuq imfissra; u

**Tikkundanna** lill-intimati Emanuel u Mary konjuġi Calleja biex iħallsu lir-rikorrent l-ammont ta' sitt elef, tlett mija u sebgħa u tletin Euro u dsatax-il ċenteżmu (€6,373.19), kif fuq likwidat.

**Bl-ispejjeż** u bl-Imgħax Legali kif mitluba kontra l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**